A.L. 104 ta' l-1989

ATT TA' L-1975 DWAR L-UFFIĊĊJU TAL-POSTA

(ATT NRU. XXXV TA' L-1975)

Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Posta Lokali (Emenda Nru. 4)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1975 dwar l-Uffiċċju tal-Posta, il-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Posta Lokali (Emenda Nru. 4), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1985 dwar Posta Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 35 ta' l-1985.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Awissu, 1989.

Jemenda s-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali il-paragrafu (1) tal-partita 6 għandu jiġi emendat kif ġej:—

(i) is-subparagrafu (d) tiegħu għandu jitħassar; u

(ii) is-subparagrafi (e) u (f) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subparagrafi (d) u (e) rispettivament.